MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Rikors Numru. 197/2005

***Acorn Distribution Limited***

***Versus***

***Selective Company (Malta) Limited* u Anastasiou Constantino**

Dan huwa provvediment fuq talba magħmula taħt l-art. 836(1) (*b*), (*d*), u (*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju.

Is-soċjetà *Acorn Distribution Limited* ["l-intimata"] kienet kisbet il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ta' qbid biex tħares pretensjoni ta' ħamsin elf lira (Lm50,000) kontra Constantino Anastasiou ["ir-rikorrent"] u kontra *Selective Company (Malta) Limited*. Il-mandat kien esegwit kontra żewġ vetturi, waħda tal-marka *Rolls Royce* u l-oħra tal-marka *Jaguar*.

Ir-rikorrent b'rikors ta' l-24 ta' Frar 2005 qiegħed jitlob it-tħassir tal-mandat għal dawn ir-raġunijiet:

1. taħt il-para. (*b*) u (*f*) ta’ l-art. 836(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax il-vetturi maqbuda ma humiex tar-rikorrent iżda ta’ terzi; u
2. taħt il-para. (*d*) ta’ l-istess sub-artikolu għax l-ammont imħares taħt il-mandat huwa aktar minn dak illi tassew għandha tieħu l-intimata.

***1. Dwar il-proprjetà tal-vetturi***

Dwar it-talba għat-tħassir tal-mandat mibnija fuq l-allegazzjoni illi l-vetturi maqbuda ma humiex proprjetà tar-rikorrent, għandu jingħad qabel xejn illi, ukoll jekk dan huwa minnu, ma jwassalx għat-tħassir tal-mandat iżda, *se mai*, għat-tħassir ta’ l-esekuzzjoni.

Iżda wkoll jekk it-talba tar-rikorrent tista’ b’xi mod tiftehem bħala talba għat-tħassir ta’ l-esekuzzjoni, ma jistax jingħad illi saret prova mqar *prima facie*, bil-mezzi li tagħti l-liġi, illi l-vetturi tassew huma ta’ terzi. Dwar il-vettura tal-marka *Jaguar* ir-rikorrent wera dokument — bla ma għamel prova illi huwa dokument awtentiku jew li huwa dokument sħiħ — maħruġ fis-17 ta’ Frar 2003, u li għalhekk ma jeskludix illi r-rikorrent seta’ kiseb il-proprjetà wara dik id-data. Dwar il-vettura tal-marka *Rolls Royce* wera dokument li lanqas biss huwa iffirmat u illi ma hemm xejn li juri li huwa dokument awtentiku. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi, f’dan l-istadju, meta l-vetturi huma biss maqbuda bħala miżura kawtelatorja u ma huwiex qiegħed jintalab il-bejgħ tagħhom *sub hasta*, ma huwiex il-każ illi l-vetturi jinħelsu mill-qbid.

***2. Dwar jekk l-ammont mitlub huwiex* prima facie *ġustifikat jew huwiex eċċessiv***

Ir-rikorrent qiegħed igħid illi l-ammont kawtelat taħt il-mandat ma huwiex ġustifikat u huwa eċċessiv.

Il-pretensjoni ta’ l-intimata hija mibnija fuq att pubbliku tad-29 ta’ Jannar 2005 li bis-saħħa tiegħu r-rikorrent għaraf illi huwa għandu jagħti lill-intimata ħamsin elf lira (Lm50,000) u ntrabat illi jħallas dan id-dejn sat-28 ta’ Frar 2005. Ir-rikorrent fetaħ kawża biex iwaqqa’ dan il-kuntratt għax qiegħed igħid illi l-kunsens tiegħu ttieħed b’tehdid u għax id-dejn kanonizzat bih huwa eċċessiv u jiġbor fih imgħax b’użura.

F’dan l-istadju l-qorti għandha tara biss jekk l-ammont mitlub huwiex *prima facie* dovut jew huwiex eċċessiv.

Meta min-naħa waħda hemm att pubbliku, iffirmat mill-partijiet, fosthom ir-rikorrent stess, u min-naħa l-oħra hemm biss allegazzjoni magħmula *ex parte*, il-qorti tista' tasal biss għall-konklużjoni illi *prima facie* l-ammont mitlub tassew huwa dovut, u ma tistax tasal għal konklużjoni oħra jekk mhux wara li l-kuntratt jitwaqqa' b'deċiżjoni ġudizzjarja li tasal għaliha mhux wara stħarriġ *prima facie* iżda wara stħarriġ sħiħ tal-provi kollha.
F'dan l-istadju, għalhekk, billi *prima facie* jidher illi l-ammont imħares taħt il-mandat tassew huwa dovut kollu, it-talba għat-tħassir tal-mandat taħt l-art. 836(1)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma tistax tintlaqa'.
Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba magħmula bir-rikors ta' l-24 ta' Frar 2005. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jkunu regolati skond id-deċiżjoni fuq il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------